# Il-Kwadru Titulari ta' Santa Venera

**Kitba ta' Joseph Giorgio**
*ex Membru Kumitat Festi Esterni*



Il-kwadru titulari ta' Santa Venera, li nsibu fil-knisja tagħha l-antika, huwa xogħol sabiħ, li kien ġie kkummissjonat għand xi pittur magħruf. Sal-ġurnata tal-lum, dan il-pittur għadu mhux identifikat. Id-data meta tpinġa wkoll mhix identifikata. Il-figura prinċipali ta' Santa Venera tixhed id tajba. L-istat preżenti tal-kwadru ma tantx jippermetti analiżi kritika. Ħsara kbira m'għandux, iżda t-trabijiet li ġabar miegħu matul iż-żmien, qed jostru s-sbuħija tiegħu. Il-kwadru ma jistax jitgawda kif jixraq qabel ma jiġi mnaddaf minn id esperta.



Insibu dokumentat li dan il-kwadru kien diġà jeżisti fl-1716. Il-kwadru jirrappreżenta l-Verġni Marija bil-Bambin Ġesù fuq dirgħajha (fuq ix-xellug tal-kwadru) lil Santa Venera, (bħala l-figura ċentrali), u lil Sant'Anna, (fuq il-lemin tal-kwadru). Fuq iż-żewġ irkejjen tal-kwadru (in-naħa ta' fuq) insibu wkoll żewġ puttini. Barra minn dan, fuq il-lemin tal-kwadru n-naħa ta' isfel, insibu xena oħra interessanti. Din hija xena żgħira (dik li bl-Ingliż insejħulha *inset*), u li m'għandha x'taqsam xejn

mas-suġġett ewlieni. Fiha terġa' tidher Santa Venera qed tippriedka lill-ġemgħa ta' nies f'pajsaġġ fil-beraħ tal-kampanja. Fl-isfond tidher għolja, u taħtha tidher bħall-irvina ta' xi tempju pagan. Fuq in-naħa ta' quddiem, fejn tidher din il-miġemgħa ta' nies, terġa' tidher Sant'Anna, u quddiemha hemm il-Madonna, meta din kienet għadha żgħira. Id il-leminija ta' Sant'Anna tidher fuq ras il-Madonna. Dak ir-raġel liebes it-turban, li qiegħed wara Sant'Anna, huwa San Ġwakkin. Santa Venera tidher li qed tiġi mismugħa b'attenzjoni kbira! Sebagħha tax-xellug jidher merfugħ 'il fuq, filwaqt li f'idha tax-xellug qed iżomm il-ktieb tal-Vanġelu u anke Palma.

Meta ġew biex jagħmlu l-vara l-ġdida ta' Santa Venera fl-1919, kienu ddeċidew li jagħmluha fuq din il-figura. Il-pittur daħħal fix-xena lil Sant'Anna u San Ġwakkin flimkien ma' Santa Venera, għax il-Knisja f'xi żmien, kienet tiċċelebra l-festa tagħhom flimkien, nhar is-26 ta' Lulju. Ħaġa oħra ta' interess speċjali f'dan il-kwadru hija, li t-tliet figuri prinċipali, jiġifieri, dik tal-Madonna, dik ta' Sant'Anna, u dik ta' Santa Venera huma inkurunati b'kuruna tal-fidda. Kif ġara sewwa dan, ħadd ma jaf. Jiena naħseb li dawn il-kuruni kienu saru tal-fidda ħafna snin ilu, aktarx b'xi wegħda.

Insibu illi fis-sena li diġà semmejna fl-1716, il-festa ta' Santa Venera diġà kienet issir mill-arċipriet ta' Birkirkara, nhar is-26 ta' Lulju bl-għasar, priedka u quddiesa. Għal din il-festa kienet tieħu sehem kotra kbira ta' nies minn Malta kollha.

## Tagħrif ieħor

L-ewwel kappella (c. 1550) ddedikata lil Santa Venera, kienet aktarx forma ta' kamra jew għorfa, f'nofs ix-xagħri u l-għelieqi imxerrdin fuq medda ġmiela ta' art. Madankollu, dik il-kappella ċkejkna kienet tagħmel minn Vigarju. Il-Vigarju kien ikun maħtur għal daqshekk, mill-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina.

Il-kappella kienet iddedikata lill-Qaddisa Griega, (jew ta' nisel Grieg), kif kienu wkoll kappelli oħra bħalha dak iż-żmien. Minħabba din l-użanza, f'Malta u Għawdex kien hemm diversi kappelli ddedikati lill-Qaddisin Griegi, fosthom, San Anastasju, San Dimitri, San Ċir, Sant'Andrija, San Ġorġ, San Kozma u San Damjan, u bosta oħrajn.

Dan ma jfissirx li dawn il-gżejjer ma kienu qatt taħt il-ħakma Griega, iżda kienu influwenzati minn bosta Griegi li kienu jgħixu qrib tal-gżejjer tagħna. Dak li għandna f'Malta li jfakkar fil-qedem Biżantin, huma t-topononija, l-ismijiet ta' postijiet, dediki ta' knejjes antiki u rurali, jew ta' rħula.

Il-knisja ta' Santa Venera (l-antika) li naraw illum tlestiet mill-bini tagħha

fl-1688. Inbniet f'forma ikbar u isbaħ bil-permess ta' l-Isqof Mikiel Giovanni Balaguer. L-arkitett tagħha kien xejn inqas minn Giovanni Barbara, minn Ħal Lija. Il-kampnar tagħha kien inbena ħafna snin wara lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, jew il-bidu tas-seklu għoxrin.



Il-knisja l-antika ta' Santa Venera kienet u baqgħet miżmuma bħala knisja tal-kampanja, u kienet tagħmel mal-parroċċa ta' Sant'Elena, Birkirkara, tant li l-Arċipriet kien jagħmel il-festa ta' Santa Venera fis-26 ta' Lulju, bl-għasar, priedka u quddiesa. Dan juri biċ-ċar li l-festa tagħha kienet issir fil-ġurnata tal-martirju, flimkien kif kienet tiġi ċċelebrata mill-Griegi u l-Orjentali.

Il-Martiroloġju Ruman, ifakkarha fl-14 ta' Novembru. Santa Venera twieldet nhar il-Ġimgħa l-Kbira fis-sena 100W.K., f'Acireale Sqallija. Fi Sqallija, l-Italja ta' Isfel, u Franza jqimuha bħala Venera, waqt li fil-Greċja, fil-Bulgarija, fir-Rumanija, u fir-Russja jqimuha bhala Parasceve. Sofriet il-martirju bi qtugħ ir-ras b'sentenza ta' Asklepju fil-Gallja (Franza tal-qedem), fis-26 ta' Lulju 143W.K. Il-fdal tagħha jinsab meqjum fil-Kattidral tal-Lunzjata, ġo kappella sabiħa ddedikata lilha f'Acireale, Sqallija. Santa Venera hija wkoll il-Qaddisa Patruna ta' din il-belt.

Kif jaf kulħadd, mit-tagħrif li għandi, nhar il-Ħadd 17 ta' Lulju 2005, se jsir il-ftuħ uffiċjali tal-knisja l-ġdida. Nirringrazzja 'l Alla, 'il-Madonna, 'l Santa Venera, 'il-Komunità Karmelitana, u 'l dawk kollha ħajjin u mejtin li xi darba jew oħra kienu mdaħħlin fil-proġett ta' din l-opra kbira. Grazzi mill-qalb lill-benefatturi kollha, għax fl-aħħar se jkollna dak li 'l-Vendriżi ilhom jixtiequ – knisja ġdida.